# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum, it-Tnejn, 22 ta' Jannar, 2024

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 83/2022 ISB**

**Crave Holdings Limited (C-42535)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji u b'digriet tas-7 ta' Novembru, 2022 ġew kjamati fil-kawża Charles Chetcuti, Victor Chetcuti u Joseph Sammut *in statu et terminis* u b'digriet tal-11 ta' Novembru 2022 il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-7 ta' Novembru 2022 limitatament u fil-konfront biss ta' Charles Chetcuti li miet fil-mori tal-kawża, u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2023 l-imsemmija kjamati fil-kawża ġew estromessi.**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tas-soċjetà **Crave Holdings Limited**, intavolat fit-12 ta' Awwissu 2022, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:-

*(i) tordna lir-Registratur intimat jerga' jdahhal fir-Registru tal-Kumpanniji l-isem tal-kumpanija Carmvic Chetcuti Limited (C-13187) skond l-artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) ; u*

*(ii) tiddikjara li l-istess kumpanija Carmvic Chetcuti Limited (C-13187) ghandha titqies illi kompliet bl-esistenza taghha daqslikieku isimha ma thassarx minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

U dan wara li ppremettiet:

*Illi b'kuntratt tal-15 ta' Dicembru 2021 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, l-esponenti hallset b'surroga in sodisfazzjon totali ta' dejn ta' erba' mija u tnejn u ghoxrin elf erba' mija u hamsa u tmenin Ewro u disgha u tletin centezmu (€442,485.39), ekwivalenti ghal disa' mija u erbgha u tmenin elf mija u sitta u ghoxrin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€984,126.22) li l-kumpanija Carmvic Chetcuti Limited (C-13187) kellha mal-Bank of Valletta plc ghal self moghti lilha mill-istess bank, u sussegwentement rikonoxxut minnha favur l-istess bank b'kuntratt tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion tal-24 ta' Frar 2005, oltre imghaxijiet u spejjez, u ghal-liema dejn l-istess kumpanija Carm Supplies Limited kienet qed taghmel tajjeb b'garanziji ipotekarji registrati fir-Registru Pubbliku bin-noti ta' insinwa numri H. 14343/1995 u H. 14344/1995, u H. 3552/2005, H. 21433/2005 u H. 825/2006.*

*Illi ghalhekk, b'effett ta' dan il-hlas b'surroga skond il-kuntratt tal-15 ta' Dicembru 2021, l-esponenti giet surrogata fid-drittijiet kollha li l-Bank of Valletta plc kellu kontra l-istess kumpanija Carmvic Chetcuti Limited (C-13187), inkluz fid-drittijiet ipotekarji tieghu kontra taghha naxxenti mill-iskrizzjonijiet imsemmija.*

*Illi kemm il-kuntratt ta' rikonoxximent tad-dejn pubblikat fl-atti tan-Nutar Mangion tal-24 ta' Frar 2005, u anke l-garanziji ipotekarji moghtija mill-kumpanija Carmvic Chetcuti Limited (C-13187) biex taghmel tajjeb ghall-istess dejn, huma debitament insinwati, u ghalhekk meqjusa maghrufa publikament, anke lill-intimat.*

*Illi fil-25 ta' Gunju 2020, ir-Registratur intimat hassar l-isem tal-kumpanija Carmvic Chetcuti Limited (C-13187) minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji, wara li deherlu li l-istess kumpannija kienet tikkwalifika bhala kumpannija li ma toperax.*

*Illi l-esponenti ghad ghandha interess tezegwixxi skond il-ligi l-jeddijiet taghha kontra l-imsemmija kumpanija Carmvic Chetcuti Limited (C-13187); u ghandha interess li l-istess kumpanija terga' titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji sabiex tkun tista' tipprocedi ulterjorment f'dak ir-rigward.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 280).

Rat **id-digriet** tagħha tal-5 ta' Settembru 2022 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2022 fil-11:30a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpaniji kien notifikat fid-9 ta' Settembru 2022 (ara tergo ta' fol 283).

Rat illi fid-29 ta' Settembru 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 284) b'dokumenti hemm annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Carmvic Chetcuti Limited (C-13187) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fil-15 ta' Ottubru tal-1991;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Illi l-aħħar prospett annwali illi ġie sottomess mill-kumpanija kien dak tas-sena 2000, filwaqt illi l-aħħar kont annwali sottomess kien dak tas-sena 1999;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi r-Reġistratur kien diġa beda l-proċedura ta' tħassir tal-isem fis-sena 2011, iżda jirriżuilta illi kienet saret oġġezzjoni għal tali tħassir tal-isem tal-kumpanija. Illi madanakollu l-kumpanija baqgħat inadempjenti għal disa' snin oħra u għalhekk din il-proċedura ta' tħassir reġgħat inbdiet fis-sena 2020;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija sabiex tavżaha illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'A'****, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha li huwa, De Vilhena Court, 3, Triq il-Baħħara, San Pawl il-Baħar, Malta kif ukoll lill-uniku direttur tagħha Charles Chetcuti fl-istess indirizz, datati 12 ta' Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviż gie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija u lid-direttur datati 25 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar u t-tieni*

*ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fil-25 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi ta' min jiġi rrimarkat kif is-soċjetà rikorrenti jew terzi persuni qatt ma oġġezzjonaw għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Reġistratur għal-ġid ta' kull min seta' qatt kellu nteress jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqgħet qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fis-26 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi fil-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti qiegħda tibbaża t-talba tagħha sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditriċi ai termini tas-subartiklu 4 tal-artiklu 325 tal-Att. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan;*

*Illi s-soċjetà rikorrenti għandha l-ewwel tara tistax tiġbor l-ammont dovut skond l-Artikolu 325(6), li jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-Reġistratur tapprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, din l-Onorabbli Qorti m' għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċiment għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur tixtieq umilment tissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal- lum, il-kreditur jagħzel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi r-Reġistratur hija kreditur ta' din il-kumpanija hija stess u għaldaqstant hija għandha tiġi mħallsa il-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali u kontijiet annwali li jammontaw għal eluf ta' ewro, filwaqt illi l-pagament dovut fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammontaw għal* ***EUR 2,464,71****;*

*Illi r-Reġistratur ma toġġezzjonax illi l-kumpannija de quo tiġi mqiegħda fuq ir-Reġistru mill-gdid;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tissolleva li hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

Rat ir-rikors tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji intavolat fid-29 ta' Settembru 2022 (fol 310) li permezz tiegħu talab lill-Qorti sabiex tordna l-kjamata fil-kawża tal-uffiċjali u l-azzjonisti tal-kumpanija ġja stralċjata u ċjoè Charles Chetcuti, Victor Chetcuti u Joseph Sammut. Rat ukoll id-digriet tagħha tal-5 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'ġimgħa għar-risposta.

Rat ir-risposta tas-soċjetà rikorrenti intavolata fil-31 ta' Ottubru 2022 (fol 305) li permezz tagħha opponiet għat-talba tar-Reġistratur intimat.

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Novembru 2022 (fol 313) li permezz tiegħu laqgħet it-talba tar-Reġistratur intimat u ordnat il-kjamat in kawża *in statu et terminis* ta' Charles Chetcuti, Victor Chetcuti u Joseph Sammut.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2022, dehret l-Avukat Dr Phyllis Aquilina għas-soċjetà rikorrenti u dehret l-Avukat Dr Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2022, id-difensur tar-Reġistratur tal-Kumpaniji informat lill-Qorti illi l-kjamat in kawża Charles Chetcuti ġie nieqes fil-mori tad-differiment. Rat ukoll id-digriet tagħha li permezz tiegħu rrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-7 ta' Novembru 2022 limitatament u biss fil-konfront tal-imsemmi Charles Chetcuti.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2023, id-difensur tal-intimat irrinunzjat għall-effetti tar-rikors intavolat minnha fid-29 ta' Settembru 2022. Rat illi in vista ta' dan il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-7 ta' Novembru 2022 u ordnat li l-annotazzjoni fl-okkju tal-11 ta' Novembru 2022 tiġi mneħħija.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju 2023, id-difensur tas-soċjetà rikorrenti ppreżentat nota b'dokumenti (fol 318 sa fol 325) u ddikjarat li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2023, id-difensur tar-Reġistratur intimat iddikjarat li m'għandhiex provi x'tipproduċi.

Rat ukoll illi fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2023, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjetà rikorrenti *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, is-soċjetà rikorrenti tgħid illi l-isem tas-soċjetà **Carmvic Chetcuti Limited (C 13187)** kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett mis-26 ta' Ġunju 2020.

Illi jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti hija kreditriċi tas-socjeta` msemmija Carmvic Chetcuti Limited (C 13187), u dana stante li permezz ta' kuntratt tal-15 ta' Diċembru 2021 fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, is-soċjetà rikorrenti ħallset b'surroga dejn fl-ammont indikat fir-rikors promotur liema dejn kien jappartjeni lis-soċjetà Carmvic Chetcuti Limited (C 13187), liema dejn kien ġie rikonoxxut mill-istess soċjetà b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion datat 24 ta' Frar 2005 u għal liema dejn kienet qed tagħmel tajjeb b'garanziji ipotekarji reġistrati bir-referenzi H 14343/1995, H 14344/1995, H 3552/2005, H 21433/2005 u H 825/2006. Tispjega li la darba ġiet surrogata fid-drittijiet, dan jinkludi d-drittijiet

ipotekarji. Tgħid li għalhekk it-tħassir tal-kumpanija tippreġudika serjament lis-soċjetà rikorrenti milli tiġbor il-flus lilha dovuti mis-soċjetà *de quo.*

Il-Qorti tosserva li in sostenn ta' dan ir-rikorrenti ppreżentat numru ta' dokumenti li jinkludu l-kuntratti ċitati, liema dokumenti din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Huwa allura għalhekk illi s-soċjetà rikorrenti ressqet dawn il-proċeduri sabiex is-soċjetà Carmvic Chetcuti Limited (C 13187) terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru bil-għan illi s-soċjetà rikorrenti tieħu l-miżuri kollha lilha spettanti biex tissodisfa l-kreditu tagħha.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-**intimat Reġistratur** jsostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skont il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Registratur intimat jirrimarka illi jekk kemm-il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru, ir-Reġistratur m'għandux jispiċċa b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u*

> *<u>tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija Carmvic Chetcuti Limited (C 13187) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi s-soċjetà rikorrenti għandha kreditu sostanzjali fil-konfront tal-kumpanija mneħħija minn fuq ir-Reġistru Carmvic Chetcuti Limited (C 13187), iżda tinnota wkoll li ma nġiebet l-ebda prova li turi li l-istess soċjetà rikorrenti qed tagħmel l-almu tagħha sabiex tirkupra l-istess kreditu.

Illi filwaqt illi l-intimat Reġistratur għandu raġun josserva illi jekk kemm -il darba l-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-reġistru *ai termini* tal-Artiklu 325(4) xorta ser jissussistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'danakollu kull każ storja u fil-każ odjern, s-soċjetà rikorrenti indikat b'mod ċar li għad għandha kreditu sostanzjali fil-konfront tal-istess kumpanija.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija Carmvic Chetcuti Limited (C 13187) minn fuq ir-Reġistru, però fl-istess waqt is-soċjetà rikorrenti għandha interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex hija titlob b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpanija msemmija lura fuq ir-Registru.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mis-soċjetà rikorrenti, però una volta illi ser jingħata din l-opportunità li l-kumpanija Carmvic Chetcuti Limited (C-13187) terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, dan ma jfissirx illi din il-Qorti terġa' tagħti jew marbuta terġa' tagħti opportunità oħra

jekk is-soċjetà rikorrenti tfalli mid-dmirijiet u l-obbligi tagħha biex teżerċita d-drittijiet tagħha fil-konfront ta' din il-kumpanija.

Is-soċjetà rikorrenti għandha tkun ben konxji ta' dan u b'hekk din il-Qorti tkun f'pożizzjoni aktar komda u serena biex teżerċita id-diskrezzjoni tagħha favur it-tqegħid lura ta' isem is-soċjetà Carmvic Chetcuti Limited (C 13187) lura fuq ir-Reġistru.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Carmvic Chetcuti Limited (C 13187)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Carmvic Chetcuti Limited (C 13187)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji għall-perjodu ta' ħames (5) snin, b'dan illi s-soċjetà rikorrenti hija mistennija illi tinizzjala, issegwi u wieħed jispera tiffinalizza kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex tikseb u tenforza kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjetà msemmija fiż-żmien hawnekk konċess.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Carmvic Chetcuti Limited (C 13187)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji u konsegwentement jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, jkunu a karigu tas-soċjetà rikorrenti.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |